**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 4 ta' Marzu 2021

Rikors Numru: 182/19 AL

**A B**

**vs**

**Dr Yanika Bugeja u PL Louisa Tufigno nominatI b'digriet tal-14 ta' Awwissu 2019 bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D E**

**(Att taz-Zwieġ bin-Numru Progressiv: 275/2013)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur li permezz tiegħu ppremetta:

1. *Il-partijiet ikkuntrattaw zwieġ ċivili f'Malta, fit-tmienja u għoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (28/02/2013), ġewwa r-Reġistru Pubbliku, l-Belt*

[1] Fol. 1 – 10.

*Valletta, u dan skont iċ-ċertifikat taz-zwieġ numru, erbgħa u erbgħin zbarra elfejn u tlettax (44/2013), liema ċertifikat jinsab hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. A';*

2. *Illi minn dan iz-zwieġ ma twieldux ulied;*

3. *Illi l-kunsens tal-attur għaz-zwieġ msemmi inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-konvenuta li mix-xorta tagha fixklet serjament il-ħajja mizzewġa kif ser jiġi ippruvat fil-mori tal-kawza;*

4. *Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett ta' diskrezzjoniu ta' ġudizzju kemm fuq il-ħajja mizzewġa kif ukoll fuq id-drittijiet essenzjali taz-zwieġ. Jew b'amolija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieġ;*

5. *Illi, in oltre, l-kunsens tal-intimata kien ivvizjat minħabba eskluzzjoni posittiva taz-zwieġ jew xi wieħed mill-elementi essenzjali taz-zwieġ, iza għamlet dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirriulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

6. *Illi, l-kunsens tal-attur kien inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-intimata li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja mizzewġa;*

7. *Illi b'hekk iz-zwieġ bejn il-partijiet kien null u invalid fil-Lipi;*

8. *Illi, għalhekk dan l-imsemmi zwieġ huwa null u mingħajr effett u dan ai termini ta' artikoli 19 (1) (ċ), (d), u (f) tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta;*

9. *Illi in oltre, l-partijiet kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dorianne Arpa, datat 26 ta' Lulju 2016 (Dok. 'B');*

10. *Illi l-attur jaf b'dawn il-fatti personalment u, in oltre, qiegħed jipprezenta l-affidavit tiegħu (Dok. 'Ċ');*

*Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-Proċeduri*

*Illi l-prezenti proċeduri qegħdin isiru sabiex tiġi dikjarata u deċiza minn dina l-Onorabbli Qorti li z-zwieġ ikkuntrattat bejn il-partijiet huwa null u bla effett fil-liġi u dan għar-raġunijiet sopra ċitati u rikonoxxuti fil-liġi.*

*Talbiet tal-Attur*

*Għaldaqstant, l-attur, in vista tas-suespost jitlob umilment lill-intimata għaliex dina l-norabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li z-zwieġ ċivili li ikkontrattat bejn il-partijiet f'Malta, ġewwa Reġistru Pubbliku, l-Belt Valletta fit-tmienja u għoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (28/02/2013), huwa null u bla effett fil-liġi ai termini tal-artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod ġenerali, u b'mod speċifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (a), (b), (ċ), u (f) talistess artikolu 19(1) tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tawtorizza lill-attur illi jirreġistra s-sentenza tiegħu ta' dina l-Onorabbli Qorti fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta għall-finijiet u effete kollha tal-liġi sabiex tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieġ relattiv.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata, u li għal kull buon fini hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat l-Att taz-Zwieġ tal-partijiet, bin-numru progressiv 275 tas-sena 2013;

Rat il-kuntratt ta' separazzjoni tal-parijiet, anness mar-rikors ġuramentat:

Rat l-affidavit tal-attur, anness mar-rikors ġuramentat;

Rat id-digriet tal-14 ta' Awwissu 2019 fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dr Yanika Bugeja u lill-Prokuratur Legali Louisa Tufigno bħala kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-intimata assenti,[2] u dan skont it-talba kif dedotta fir-rikors tal-attur ipprezentat kontestwalment mar-rikors ġuramentat;[3]

---

[2] Fol. 12.
[3] Fol. 14.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati Dr Yanika Bugeja u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno, fejn ġie eċċepit:[4]

1. *Illi l-esponenti ġew notifikati riċentament bir-rikors ġuramentat numru 182/2019 AL fl-ismijiet premessi.*

2. *Illi preliminarjament l-esponenti jirrilevaw li huwa evidentement ċar li r-rikorrent A B mhuwiex konsapevoli ta' dak li jistipula l-artikolu 66B(a) tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jgħid id-segwenti:*

   *"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

   *(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali".*

3. *Illi jirrizulta li l-kuntratt ta' separazzjoni kien ippubblikat fid-29 ta' Lulju 2016 u għalhekk, sa' llm-il ġurnata għadhom għaddew biss tlett snin u tlett xhur u mhux erba' snin kif titlob il-liġi. Apparti minn hekk, imkien ma r-rikorrent qal li kienu de facto separate qabel da nil-perjodu. Anzi r-rikorrent, fl-affidavt li pprezenta mar-rikors tiegħu jgħid li huwabeda l-proċeduri ta' separazzjoni "għal ħabta ta' Lulju 2016" għaliex sad an iz-zmien, il-konvenuta C Alexanrovna E kienet qiegda tidħol id-dar fis-sakra.*

4. *Illi għalhekk, it-talba tar-rikorrent ma tistax titntlaqa' f'dan l-istadju.*

5. *Illi apparti minn hekk, r-rikorrent għandu jipprovdi kull tip ta' informazzjoni li huwa għanduli pemezz tagħha l-esponenti jistgħu jagħmlu kuntatt mal-konvenuta li huma qegħdin jirrapprezentaw. Dan għandu jinkludi email address, indirizz tal-familjari tagħha ġewwa r-Russja, kif ukoll l-aħħar numru tal-mobile ċellulari li huwa għandu tal-konvenuta assenti.*

[4] Fol. 31 – 33.

6. *Illi l-esponenti jirriservaw d-dritt li jipprezentaw eċċezzjonijiet ulterjuri jekk kemm-il darba ikun hemm il-ħtieġa.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Novembru 2019, fejn il-Qorti ordnat komunika lil Dr Yanika Bugeja bħala waħda mill-kuraturi li qiegħda tirrapprezenta lill-assenti fil-proċeduri odjerni sabiex tirregola ruħha rigward tar-risposta ġuramentata, in vista tal-fatt li tali risposta saret daqslikieku t-talba dedotta mill-attur kienet rigward divorzju u mhux annullament taz-zwieġ;[5]

Rat l-affidavit ta' missier l-attur, F B;[6]

Rat ix-xhieda tal-attur ta' nhar il-25 ta' Frar 2020;[7]

Rat illi minkejja li l-intimata kif rapprezentata kellha r-responsabbilita' li tressaq il-provi tagħha sa mill-25 ta' Frar 2020, din baqgħat ma resqet l-ebda prova minkejja li ġew iffissati tlett (3) seduti għal tali skop;[8]

Rat id-dokumenti kollha u kif ukoll kull att ġudizzjarju ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex iż-żwieġ bejn l-attur u l-konvenuta li ġie ċċelebrat bir-rit ċivili nhar it-28 ta' Frar 2013 Settembru 2015, jiġi ddikjarat null u bla effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(a), (b), (ċ), (d), u (f) tal-Att dwar iż-Żwieġ tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[5] Fol. 35.
[6] Fol. 37 – 38.
[7] Fol. 41 – 44.
[8] *Vide* fol. 40 rigward l-udjenza tal-25ta' Frar 2020, fol. 47 rigward l-udjenza tad-29 ta' Settembru 2020, fol. 48 rigward l-udjenza tal-10 ta' Novembru 2020, u fol. 49 rigward l-udjenza tat-12 ta' Jannar 2021.

**L-AZZJONI ODJERNA:**

*Il-Verzjoni tal-Attur:*

L-attur jispjega illi ltaqa' mal-konvenuta bejn is-sena 2011 u 2012 waqt festin ta' ħabib tiegħu. Minn dakinhar, il-partijiet bdew joħorġu flimkien bħala koppja. Ġie allegat li mal-bidu tar-relazzjoni tagħhom, il-konvenuta infurmat lill-attur illi l-*visa* tagħha kienet ser tiskadi fi zmien qasir u dan peress li hija ta' nazzjonalita' Russa. L-attur jikkontendi li l-konvenuta bdiet tagħmel pressjoni fuqu sabiex jizzewġu. Filfatt jingħad illi l-konvenuta kienet ġentili mal-attur, tikkuntentah f'kollox, tgħidlu li saret tħobbu u li ma tgħix mingħajru. In vista tal-fatt li l-konvenuta kienet tirrispetta ferm lill-attur, huwa aċċetta li jizzewiġha. Fil-fatt huma zzewwġu nhar it-28 ta' Frar 2013 bir-rit ċivili u għamlu festin zgħir għall-familjari u ħbieb.

Fl-affidavit tiegħu, l-attur jallega li madwar sitt (6) xhur wara li l-partijiet izzewġu, il-konvenuta inbidlet totalment. Jingħad illi l-konvenuta bdiet tixrob ħafna alkoħol u tqatta' l-maġġor parti tal-ġurnata fis-sakra. Għal dan l-aġir, l-attur beda jitħasseb bil-wisq u proprju kien għalhekk li allegatament kellem lil Richmond Foundation sabiex il-problema tax-xorb tiġi ndirizzata. Għalkemm l-konvenuta għall-bidu kienet taċċetta li tirċievi l-għajnuna li kellha bzonn, din dlonk kienet tbiddel fehemtha u ma tattendix għall-appuntamenti mogħtija lilha mingħand l-istess fondazzjoni.

Magħdud mal-premess, l-attur jirrileva ukoll fl-affidavit tiegħu illi l-konvenuta kienet bdiet toħroġ u ma tirritornax lura d-dar. Għaldaqstant mhux l-ewwel darba li l-attur jallega li xi drabi kellu jinvolvi lill-Pulizija sabiex isibu lil konvenuta. Jingħad illi l-konvenuta kienet eventwalment tirritorna lura d-dar wara ġurnata jew jumejn, mingħajr ma tlissen kelma dwar fejn kienet u ma' min.

L-attur jgħid ukoll li matul ir-relazzjoni tagħhom, il-konvenuta qatt ma riedet lill-attur jsir jaf lil familjari tagħha. Filfatt jikkontendi li ltaqa' l-ewwel darba mal-familjari tagħha fiċ-ċerimonja taz-zwieġ, u kull meta dawn kienu jkunu Malta fuq btala, l-konvenuta ma kienetx tinforma lill-attur.

Fid-dawl ta' dawn il-kwistjonijiet u l-bidla fl-attitudni tal-konvenuta, l-attur irrealizza li l-konvenuta kienet biss izzewġitu sabiex tkun tista' tibqa tgħix Malta

mingħajr problemi ta' *visa*. Appena ra li s-sitwazzjoni ta' bejniethom ma kienetx ser titjieb, l-attur iddeċieda li jibda proċeduri ta' separazzjoni. Filfatt il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku, li jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Dorianne Arpa. Wara s-separazzjoni, l-attur jaf li l-konvenuta marret lura r-Russja, liema passaġġ tal-ajru allegatament ħallsu l-attur stess. Madanakollu, minn dakinhar sal-prezent, l-attur jikkontendi li qatt ma kellu iktar kuntatt mal-konvenuta u qatt ma sema' bi ħbarha.

Sabiex jikkorrabora l-verzjoni tiegħu, l-attur ipprezenta l-affidavit ta' missieru F B.[9] Fl-affidavit ta' F B jiġi elenkat illi wara ftit zmien li l-partijiet bdew jiffrekwentaw lil xulxin, il-konvenuta marret tgħix fid-dar tagħhom wara ftit zmien. Fil-bidu, F B kien jara lil konvenuta bħala persuna dħulija ħafna u ma ken jara xejn ħazin fiha. Madanakollu, wara li zzewġu jgħid li nnota lil konvenuta tixtri ħafna xorb alkoħoliku. Jikkonferma li ibnu kien ikun inkwetat meta martu kienet toħroġ u ma tirritornax lura d-dar u li ġieli għamel rapport lil Pulizija dwar il-konvenuta. Jiġi rilevat li minkejja li l-konvenuta kienet twiegħed lill-attur li mhux ser tibqa' tixrob iktar, din kienet dejjem taqa' fil-vizzju ta' qabel. Filfatt missier l-attur jallega li darba minnhom, il-konvenuta daħlet lura d-dar f'sakra ma tarax art u wara li kien għadda kumment li din mhix ħajja tagħha, din tatu daqqa ta' ħarta. Minkejja l-isforzi ta' ibnu sabiex jgħin lil konvenuta, din tal-aħħar dejjem irrifjutat. Barra minn hekk, jikkonferma ukoll dwar il-fatt li l-konvenuta kenet issaqsi ħafna dwar iċ-ċittadinanza Maltja. Maz-zmien, F B, irrealizza li l-konvenuta kienet izzewġet lil ibnu sabiex takkwista ċ-ċittadinanza Maltja u b'hekk tkun f'pozizzjoni li tgħix Malta liberament.

*Il-Verzjoni tal-Konvenuta:*

Mill-atti jirrizulta li wara r-rikors tal-attur datat 23 ta' Lulju 2019,[10] il-Qorti permezz ta' digriet datat 14 ta' Awwissu 2019 innominat lill-Avukat Dr Yanika Bugeja u lill-Prokuratur Legali Louise Tufigno bħala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-konvenuta peress li ġie ddikjarat mill-attur li l-konvenuta hija assenti minn Malta.[11]

9 Fol. 37 – 38.
10 Fol. 14.
11 Fol. 12.

Wara li l-kuraturi deputati ġew debitament notifikati bl-atti tal-kawza odjerna, ipprezentaw risposta ġuramentata. Il-Qorti evalwat li r-risposta pprezentata ġiet ibbazata fuq mertu intrinsikament differenti minn dak prodott fir-rikors ġuramentat, fis-sens illi filwaqt li r-rikors odjern jiffoka dwar in-nullita' taz-zwieġ abbazi tal-Artikolu 19 tal-Kodiċi Ċivili, ir-risposta ġuramentata tiffoka dwar divorzju. Għaldaqstant kien evidenti għal din il-Qorti li l-kuraturi ma ħadux konjizzjoni sewwa tal-atti notifikati lilhom. Fid-dawl ta' dan u fl-ewwel udjenza,[12] il-Qorti ġibdet l-attenzjoni tal-kuraturi deputati u ordnat komunika lilhom bl-intiza li jirregolaw ruħhom, sabiex b'hekk l-konvenuta tkun legalment rapprezentata kif korrett. Minkejja dan l-isforz da parti l-Qorti, u dan sabiex l-interessi tal-konvenuta jiġu salvagwardjati, mill-atti jirrizulta li l-kuraturi deputati naqsu milli jirregolaw ruħhom, jidhru quddiem din il-Qorti, jew iressqu xi sottomissjoni jew prova għan-nom tal-konvenuta. Għaldaqstant, il-verzjoni u l-provi tal-konvenuta ma ġewx sottomessi lill-Qorti.

## IL-PRINĊIPJI LEGALI:

F'dan l-istadju, l-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-kawżali li fuqhom hija msejsa l-kawża odjerna u ċjoe' l-Artikoli 19(1)(a), (b), (c), (d), u (f) tal-Att dwar iż-Żwieġ.

***<u>Artikolu 19(1)(a) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta:</u>***
***"B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null: (a) Jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fiżika sew morali, jew biża"***

Dwar l-Artikolu 19(1)(a), l-obbligu tal-Qorti huwa li tezamina jekk kienx hemm: (i) pressjoni fuq wieħed mill-partijiet sabiex jiġi ċelebrat dan iz-zwieġ, liema pressjoni tammonta għall-vjolenza, u/jew, (ii) kienx hemm biża' sa dak il-grad li tesiġi l-liġi u skont dak li ġie stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Marianna Calleja vs. Francis Calleja**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-2 ta' Ottubru 2002, fir-rigward tal-kwistjoni ta' <u>pressjoni</u>, ġie mgħallem *"Biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet oħra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni*

[12] Fol. 35.

*trid tammonta għal vjolenza morali jew biża' esterna ta' natura irreżistibbli, ċjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-għoti ta' dak il-kunsens" u żżid tgħid li "Sabiex vjolenza morali twassal għal effett li tinvalida ż-żwieġ trid tkun (i) inġusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti... Fl-ewwel lok il-biża' trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jeserċitaha jrid ikun kapaċi, presumevolment li jesegwixxi dak li jhedded li jagħmel; u fit-tielet lok il-biża' trid tkun motiv prinċipali għaliex il-persuna tasal li tiżżewweġ, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid".*

Allaċjat mal-premess, il-Qorti tevalwa ukoll li fir-rigward tal-kwistjoni ta' biża' u vjolenza, il-ġurisprudenza nostrana matul iz-zmien kompliet dejjem telabora it-tgħalim tagħha. Fis-sentenza fl-ismijiet **Shirley Anne mart Abdul Fatah al Buesli xebba Perry vs. Dottor Alfred Mifsud noe**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-22 ta' Novembru 1982, intqal illi *"biex biża' taqa' taħt l-artikolu in kwistjoni, irid ikun ċert, ta' ċerta gravita serja u għandha tiġi distinta minn dak li hu mistħija u frivolezza u kapriċċ ta' min ser jagħti l-kunsens. Barra min hekk irid ikun realistiku"*. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Victoria Spiteri vs Anthony Spiteri magħruf Coleiro**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar l-14 ta' Diċembru 1994, ġie kkonfermat illi: *"Huwa minnu li ġie rikonoxxut li l-biża', jekk verament tissussisti, tista' sservi bħala raġuni biex tinfiċja kunsens. Iżda mhux kull tip ta' biża' tista' twassal sa dan l-estrem".*

Għaldaqstant, *"Il-biża' trid tkun ċerta, gravi u realistika.... skond il-liġi ċivili tagħna biex il-vjolenza morali tammonta għall-vizzju tal-kunsens hemm bżonn li din taħkem fuq persuna raġjonevoli u ġġegħlha tibża' li hija nfisha jew ħwejjiġha jistgħu jiġu mqegħda għal xejn b'xejn f'perikolu ta' ħsara kbira (Artikolu 978 (1) Kodiċi Ċivili)... Fil-valutazzjoni, imbagħad, tal-kriterji tal-vjolenza għandhom jiġu meħuda in konsiderazzjoni l-eta`, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna (Artikolu 978(2));"* (ara s-sentenza **Denise Borg vs. Christopher Borg**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-21 ta' Ottubru 2002).

Fil-kawża **Marica d'Amato vs. Philip d'Amato**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Jannar 2003, il-Qorti trattat il-kwistjoni tal-biża' u l-vjolenza u kif dawn għandhom ikunu biex jista' jiġi vizjat il-kunsens matrimonjali: *"Din il-vjolenza trid tiġi valutata minn dak dispost fl-Artikolu 978 tal-Kodiċi Ċivili, jiġifieri jrid jintwera li l-attriċi, qabel iż-żwieġ, kienet assoġġjettata għall-pressjoni gravi u ndebita. Vjolenza għalhekk determinanti,*

*inġusta u gravi. Fiż-żwieġ, imbagħad, a differenza minn kuntratti oħra, l-kwestjoni trid tiġi eżaminata in relazzjoni għal liberta` matrimonjali. Il-vjolenza għalhekk trid tiġi valutata mhux fuq is-sempliċi seduzzjoni ta' l-attriċi iżda fuq l-ipotesi li hi ġiet indotta għaż-żwieġ minħabba raġunijiet ta' pressjoni qawwija u insuperabbli. Ad exemplum, perkossi minn żewġha waqt l-għerusija jew mill-ġenituri jew il-minaċċja li titkeċċa 'l barra. Kwantu għall-element tal-"biża" din trid tiġi oġġettivament analizzata mill-ottika ta' fatturi esterni li jokkorru fuq il-persuna. Il-biża' trid tkun ta' gravita` essenzjali. Mhux biżżejjed għalhekk ansjeta` ġewwinija f'dak li jkun. Fil-fatt l-Artikolu 980 jippreċiża li l-biża' riverenzjali lejn il-ġenituri, axxendenti oħra jew lejn ir-raġel mhux biżżejjed biex jannullaw il-kuntratt, jekk ebda vjolenza ma tkun ġiet użata."*

***Artikolu 19(1)(b) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta:***
***"B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null: (b) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun eskluż minħabba żball fuq l-identità tal-parti l-oħra"***

Essenzjalment dan ifisser meta persuna tfixkel persuna ma' oħra, ċjoe' persuna tkun tat il-kunsens tagħha sabiex tizzewweġ lil persuna hawn msejħa 'A' izda bla konoxxenza tispiċċa tizzewweġ lil persuna hawn imsejħa 'B', fejn presubbilment din tal-aħħar tkun identifikat ruħha bħala l-persuna 'A'. Il-Qorti tirrileva illi l-kawzala ta' nullita' abbazi ta' zball fuq l-identita' tal-parti l-oħra fiz-zwieġ kienet ta' relevanza ikbar fiz-zmien qabel l-emendi permezz tal-Att XXXIV tal-1981, ġialadarba f'dak il-perjodu kienet għadha ma daħlitx fis-seħħ il-possibbilita' li z-zwieġ jiġi annullat abbazi ta' qerq jew frodi, hekk kif illum huwa elenkat f'subinċiz (ċ). Għaldaqstant u qabel fiz-zmien, l-kawzala ta' zball ta' identita' fis-snin sebgħinijiet kienet tinkorpora mhux biss zball *in personae* izda ukoll fil-kwalitajiet in ġenerali tal-persuna, inkluz l-istat u l-valur tagħha, sabiex b'hekk kienet tkopri ukoll l-element ta' frodi fil-kunsens għaz-zwieġ.

Madanakollu permezz tal-emendi fil-liġi, fil-prezent dan is-subinċiz għandu jinfthiem fis-sens letterali tiegħu, ċjoe' minnflok wieħed jizzeweġ lil persuna msejħa 'A', bla konoxxenza jispiċċa jizzewweġ lil persuna msejħa 'B'. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Andre Spiteri vs Av. Mark Busuttil pro et noe**, deċiza minn din il-Qorti, kif presjeduta, nhar il-15 ta' Ottubru 2013, fejn ingħad *"Illi dwar Artikolu 19(1)(b) u cioe' li l-kunsens*

*tar-rikorrent kien vizzjat minhabba zball dwar l-identita' ta' martu, partikolarment minhabba l-eta' taghha u d-diskrepanza kbira li kien hemm bejn dak li sostniet hi u d-data proprja tat-twelid taghha, jirrizulta bl-aktar mod car li r-rikorrent kien veru minghalih li l-intimata kienet twieldet fis-sena 1982 u mhux fis-sena 1963. Izda tali zball jew qerq kif ser jigi diskuss aktar 'il quddiem ma jammontax ghal zball fuq l-identita' tal-persuna ghaliex ir-rikorrent izzewweg lill-persuna li haseb li kien ser jizzewweg. Hu aspett tal-istess persuna li ma kienx jaf dwaru u li wara kollox gie mqarraq fuqu li wassal ghal dawn il-proceduri pero' ma jistax jinghad li kien hemm fattwalment vizzju tal-kunsens abbazi ta' zball fuq l-identita' tal-persuna".*

Ġialadarba s-sens ta' din l-kawzala huwa ormai iktar ristrett, il-Qorti hija koxxenti li sitwazzjonijiet fejn ikun hemm zball abbazi tal-identita' ma humiex daqstant komuni. Madanakollu l-Qorti ma teskludix li tali sitwazzjoni tista' isseħħ b'mod iktar faċli fejn si tratta zwiġijiet bi prokura ai termini tal-Artikolu 14 tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fi kwalunkwe kaz tali zball għandu jkun korraborat permezz ta' provi sal-grad rikjest mil-liġi. Referenza ssir għas-sentenza l-ismijiet **Emanuel Attard vs Lydia Migneco,** deċiza minn din il-Qorti, kif presjeduta, nhar il-10 ta' Jannar 2013, fejn ingħad illi *"Mix-xhieda prodotta ma ssir ebda referenza ghal xi forma ta' zball li seta' sar dwar l-identita' tal-partijiet. Il-Qorti thoss li fil-provi migjuba quddiemha, m'hemm ebda accenn ghal xi possibilita' ta' zball fl-identita' tal-partijiet ai termini tal-Artikolu 19(1)(b), specjalment meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni il-fatt li l-partijiet damu flimkien ghal numru ta' snin qabel ma zzewgu".*

***<u>Artikolu 19(1)(c) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta:</u>***
***"B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null: (c) Jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa"***

Dwar l-Artikolu 19(1)(c) u ċjoe' li l-kunsens tar-rikorrenti nkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-oħra li tista' mix-xorti tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa, issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Pierina Micallef vs.**

**Bentanfous Amor**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Diċembru 2002, fejn ġie dikjarat li *"Kwantu għal "qerq" .... dan ċertament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodiċi Ċivili. L-egħmil doluż pero` ma jista' qatt ikun preżunt u għandu jiġi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbiegħed ir-raġuni u jegħleb il-volonta`".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Renato Galea vs Sharon Galea nee' Gibson**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-6 ta' Marzu 2003, ġie mgħallem:

*"Illi l-qerq ravvizat fid-dispozizzjoni tal-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255 jincidi direttament fuq l-intellett ta' xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg u ndirettament fuq il-volonta' tal-persuna ngannata. F'din id-dispozizzjoni, ghalhekk, dak li jintlaqat direttament mhux il-kunsens, izda l-intellett. Kif jispjega l-gurista Jose' Castano:- "Il dolo causa direttamente errore nell'intelletto del paziente, il quale ex errore consente. Con la particella ex vogliamo significare l'immediata causalita' dell' errore sul consenso. L'atto di consentire pero' e' atto entittivamente di volonta". (Il Sacremento del Matrimonio, Roma, 1992, p. 357). Dan il-qerq jista' jigi kemm minn wahda mill-partijiet fiz-zwieg kif ukoll minn terza persuna. "In definittiva, quello che conta e che il dolus abbia influsso nel consenso, cioe' che il consenso matrimoniale provenga dall' errore doloso, senza il-quale il consenso non sarebbe mai stato espresso" (op. cit. P. 358). Illi biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba' affarijiet:- i) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; ii) li il-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti; iii) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u iv) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

L-Qrati tagħna dejjem sostnew li ż-żwieġ ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk waħda mill-partijiet tagħti l-kunsens tagħha għax tkun ġiet imqarrqa jew mill-parti l-oħra jew minn xi ħaddieħor dwar xi kwalita` tal-parti l-oħra.[13] Bi kwalita` tal-persuna, il-Qorti tifhem illi l-qerq ikun relatat mal-persuna innifisha bħal ma hija persuna marida, infertili jew afflitta mill-ġenn, jew ivvizzjata bid-droga, bl-alkoħol jew bil-logħob tal-ażżard, li taħbi tali vizzju jew mard mill-konjuġi l-

[13] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Fattah xebba Perry vs Dr A. Mifsud et**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-22 ta' Novembru 1982, kif iċċitata b'approvazzjoni f'**Carmelo sive Charles Mifsud vs Anna Mifsud nee' Ignacakova**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta' Novembru 2002.

ieħor qabel iż-żwieġ, jew persuna t'orjentazzjoni sesswali mhux kif mistenni fir-relazzjoni partikolari.[14]

***<u>Artikolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta:</u>***
***"B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null: (d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ"***

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni dwar il-ħajja miżżewġa u/jew l-elementi essenzjali tagħha, il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta, ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. Kunsens validu iżda jeħtieġ konoxxenza sħiħa ta' dak kollu li jkunu deħlin għalih il-partijiet u impenn għall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li tagħmilhom kapaċi jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa u jkunu għalhekk kapaċi jerfgħu u jwettqu l-istess matul il-ħajja matrimonjali tagħhom. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva, liema maturita` affettiva tkun fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi waħda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kif rikjest mill-liġi.

Mill-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati jidher ċar illi l-kunsens mogħti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens sempliċi rikjest fil-kuntratt in ġenerali għaliex il-kuntratt taż-żwieġ huwa wieħed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi għalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' żwieġ mhux biss irid ikollhom il-kapaċita' li jagħtu dak il-kunsens, iżda li l-istess irid jiġi mogħti bl-aktar mod liberu u xjenti għal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taż-żwieġ.[15]

---

[14] Bħal fil-kaz fl-ismijiet **David Buhagiar vs Roseanne nee Maile**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-24 ta' April 1995.

[15] Marita Schembri vs. Emmanuel Schembri, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' April, 2003, (Ċitazzjoni Numru. 1081/2001/1RCP).

Kif jispjega l-awtur Bersini *"e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio.*"[16]

L-awtur Pompedda jispjega illi "*se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell'altra parte sia nei rigwardi della parole".*[17]

Illi kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta' ġudizzju tikkonsisti f'żewġ elementi distinti iżda konkorrenti u interdipendenti: *"la piena avvertenza e il deliberato consenso .... La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva.... La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della*

[16] Bersini Francesco, Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP).

[17] Pompedda Mario Francesco, Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento, (Bologna, 1991), pp. 231, 233– kif rappurtat fiddeċiżjoni **Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP).

*libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)".*[18]

Illi l-awtur Viladrich jispjega li: *"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring".*[19]

***<u>Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta:</u>***
***"B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null: (f) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ"***

Sabiex tiġi milqugħa talba għal dikjarazzjoni ta' nullita' taż-żwieġ f'dan il-kuntest, irid jiġi neċessarjament ppruvat li xi wieħed mill-partijiet, jew it-tnejn, għamel jew għamlu simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tiegħu, tagħha jew tagħhom. Dan ifisser illi meta *si tratta* l-esklużjoni taż-żwieġ, jew wieħed jew aktar mill-elementi tiegħu, jew tad-dritt għall-att taz-zwieġ, minkejja li parti tkun kapaċi tagħti kunsens validu għaż-żwieġ, pero' bl-atti tiegħu qabel u fil-ħajja miżżewġa, jew bl-ommissjoni tiegħu, eskluda *a priori* ċertu obbligi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, ċjoe', issimula l-kunsens tiegħu totalment fejn eskluda *a priori* ż-żwieġ, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi waħda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, u ċjoe' saret simulazzjoni parzjali.[20]

---

[18] Bersini Francesco, Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni **Angela Spiteri Selvaggi vs. F Spiter**i mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru 1994.

[19] Viladrich, Pedro Juan, Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686 – kif rappurtat fid-deċiżjoni **Lydia Musu` vs. Dr. Ian Spiteri Bailey et. noe**. mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 t' Ottubru, 2002, (Ċitazzjoni Numru. 390/1999/1RGM).

[20] **Sharon Lanzon vs. Francis Attard**, deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-15 ta' Marzu 2000.

Dan l-insenjament ġie ukoll ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Tonna vs Maria Tonna**,[21] *"ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-għoti tal-kunsens matrimonjali parti jew oħra (jew it-tnejn) esternament turi li qed tagħti l-kunsens matrimonjali iżda nternament u b'att pożittiv tal-volonta' tagħha tkun qed tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pożittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali għaż-żwieġ (simulazzjoni parzjali)".*

Għaldaqstant, sabiex azzjoni tkun tista' tirnexxi taħt l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta, wieħed irid iġib prova li z-zwieġ falla minħabba l-fatt li wieħed mill-partijiet minn qabel ma' ta l-kunsens tiegħu huwa kien diġa' mentalment dispost li ma jaqdix wieħed jew kull obbligu matrimonjali. Dan huwa estremament importanti għaliex f'tali ċirkostanza biss jista' jiġi konkluz illi hemm bazi legali għall-estremi tal-annullament. Min-naħa l-oħra, f'kaz li l-provi prodotti jindikaw li z-zwieġ falla minħabba ċirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieġ, hawnhekk il-kwistjoni ma tagħtix lok għal annullament izda għal separazzjoni personali bejn il-partijiet.[22]

*Simulazzjoni Totali (colorem habens, substantiam vero nullam):*

F'dan ir-rigward il-Qorti sejra sabiex tevalwa l-ewwel parti tas-subinċiz (f) tal-Artikolu in kwistjoni u ċjoe' l-frazi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif magħruf ukoll bħala simulazzjoni totali. Sabiex ikun hemm simulazzjoni totali, il-Qorti tgħallem illi jrid jppruvat illi l-*finis operis* taz-zwieġ ġie effettivament eskluż mill-vera rieda ta' parti jew oħra, għalkemm formalment tkun seħħet iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ.[23] Magħdud ma' dan, il-Qorti tirriafferma illi simulazzjoni totali tissussisti ukoll meta wieħed mill-partijiet imur għaċ-ċerimonja taz-zwieġ u internament jissostitwixxi l-ideat tiegħu fuq dak li jikkostitwixxi zwieġ jew jeskludi l-veru kunċett taz-zwieġ.[24]

---

[21] Deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (VDG), 31 ta' Jannar 1996.

[22] **Ali Chahid vs. Mary Spiteri,** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-5 ta' Ġunju 2002 (Ċitaz: 1733/01RCP).

[23] **Bonnici vs Bonnici,** deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Lulju 1982, kif rapportata f'**Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova** mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP).

[24] C**ali vs. Dr. Albert S. Grech**, deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 22 ta' Ġunju 1988, kif rapportata f'**Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova**, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP).

Għaldaqstant, fi kliem qasir, simulazzjoni totali tfisser *"meta l-atti, ġesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux għall-kunsens intern li jkun ingħata"*,[25] u ċjoe' il-kunsens matrimonjali estern ta' parti ma jkunx ugwali għal dak intern. B'hekk dik il-parti li tkun qiegħda internament u volontarjament tiċħad il-kunsens għal dak iz-zwieġ, min-naħa l-oħra u esternament tkun qiegħda tagħti l-kunsens tagħha hekk ssimulat minnha stess.

*<u>Simulazzjoni Parzjali (colorem habens, substantiam vero alteram):</u>*

F'dan ir-rigward il-Qorti sejra sabiex tevalwa t-tieni parti tas-subinċiz (f) tal-Artikolu in kwistjoni u ċjoe' l-frazi *"eskluzjoni pozittiva ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja mizzewġa"*. F'dan ir-rigward, simulazzjoni parzjali tfisser li l-parti kkonċernata ma tkunx qiegħda internament u volontarjament tiċħad il-kunsens għal dak iz-zwieġ b'mod intier, izda tkun qiegħda internament u volontarjament tiċħad il-kunsens tagħha għaz-zwieġ billi b'mod volontarju teskludi biss wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali għal ħajja matrimonjali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Gallo vs Dr Anthony Cutajar et**, il-Qorti saħqet illi: *""meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula I-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Il-Qorti tinnota li l-Att dwar iz-Zwieġ (Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta) ma jagħtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, iżda mill-ġurisprudenza kostanti wieħed jista' jiddetermina liema huma dawn l-obbligi. Fis-sentenza fl-ismijiet **Abdel Wahed vs. Dr. Yana C Stafrace et. Noe,**[26] ġie ritenut li l-elementi essenzjali taz-zwieġ jikkonsistu fil-*" kommunjoni tal-hajja konjugali, I-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta'*

---

[25] **Anna Galea vs John Walsh**, deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Marzu 1995 (Ċitazzjoni Numru 723/94VGD).
[26] Deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (FD) nhar l-14 ta' Lulju 1994.

*u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied".* Dan l-insenjament ġie kkonfermat f'numru ta' kazijiet.[27]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Demicoli vs Anne Demicoli**,[28] il-Qorti għallmet: *"Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta' u fiducja, l-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-benessere reciproku bejn il-mizzewgin, u cjoe`, dawk l-obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni intima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh".* B'hekk il-Qorti dejjem fehmet li l-unjoni intima fl-aspetti kollha, inkluz dik intima, ta' bejn il-konjuġi hija estremament importanti fil-ħajja matrimonjali. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Calleja Noel vs Saliba Rita**,[29] fejn saħqet: *"Illi wahda mill-elementi essenzjali fiz-zwieg huwa li jkun hemm relazzjonijiet intimi bejn il-koppja mmirati ghal prokreazzjoni tat-tfal. Jekk jonqos dan l-element, ghalhekk il-ligi taz-zwieg tikkontempla li dan ghandu jwassal ghal annullament taz-zwieg".*

Għaldaqsant, "*jekk xi waħda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapaċita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iż-żwieġ li jiġi hekk kreat ma jistax ikun wieħed validu....Teżisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss waħda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jiġi stabbilit iż-żwieġ bħal per eżempju, l-esklużjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' lulied, jew l-esklużjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-oħra".*[30]

## APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦAL KAZ ODJERN:

Stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kunċetti tal-pressjoni, vjolenza, biza', qerq, zball fl-identita', difett serju fid-diskrezzjoni tal-ġudizzju u tas-simulazzjoni tal-kunsens, din il-Qorti ser tgħaddi, sabiex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi miġbura.

---

[27] Ara **Aquilina vs Aquilina**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Jannar 1991, **Grech vs Grech**, deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Ottubru 1990, **Atkins Charles vs Atkins Matild**e, deċiza mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-2 ta' Ottubru 2003 (Ċitazz: 1264/1997RCP).

[28] Deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, nhar is-7 ta' Ottubru 2003 (Ċitazz: 1512/2000/1).

[29] Deċiza mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar it-30 ta' Ġunju 2005 (Ċitazz: 19/2004RCP).

[30] Atkins **Charles vs Atkins Matilde**, deċiza mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-2 ta' Ottubru 2003 (Ċitazz: 1264/1997RCP).

Jiġi sottolinejat illi: *"F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullamnet tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawza li ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju".*[31]

In vista tal-premess, il-Qorti tinsab mgħobbija bl-obbligu li tevalwa bir-reqqa l-provi mresqa quddiemha, liema provi għandhom ikunu konkreti, konvinċenti u ma jħallu l-ebda dubju f'min qiegħed jiġġudika li l-anullament in kwistjoni mhux qiegħed jintalab kappriċċozament. Fil-kaz odjern, il-Qorti tibda sabiex tevalwa li l-provi f'din il-kawza huma verament skarsi. L-attur ipprezenta biss affidavit tiegħu u ta' missieru. Min-naħa l-oħra, il-konvenuta rapprezentata minn kuraturi deputati ma pprezentat l-ebda provi sabiex tikkontradixxi l-verzjoni tal-attur.

Għajr għax-xhieda tal-attur u missieru, l-Qorti tinsab sprovvista minn kull tip ta' prova oħra li titfa' dawl fuq il-kwistjonijiet li fuqhom qiegħda tiġi bbazata din l-azzjoni ta' annullament, u ċjoe'; (i) il-pressjoni fuq l-attur li jizzewweġ lill-attriċi bl-intiza li din tal-aħħar tibqa' tgħix Malta liberament, u (ii) il-vizju tax-xorb u l-ħruġ eċċessiv tal-konvenuta. Kif ġie rrilevat iktar 'il fuq, l-Qorti ma għandhiex quddiemha l-verzjoni tal-kovenuta. Minkejja l-fatt li l-kuraturi deputati zbaljaw fir-risposta ġuramentata tagħhom fis-sens li erronjament iffukaw fuq kwistjonijiet ta' divorzju minnflok dawk odjerni ta' annullament, il-Qorti tevalwa li fi kwalunkwe kaz, il-kuraturi deputati permezz tal-eċċezzjoni numru 5, eċċepew *"illi apparti minn hekk, r-rikorrent għandu jipprovdi kull tip ta' informazzjoni li huwa għandu li permezz tagħha l-esponenti jistgħu jagħmlu kuntatt mal-konvenuta li huma qegħdin jirrapprezentaw. Dan għandu jinkludi email address, indirizz tal-familjari tagħha ġewwa r-Russja, kif ukoll l-aħħar numru tal-mobile ċellulari li huwa għandu tal-konvenuta assenti".*[32] Tali eċċezzjoni ġiet sollevata sabiex b'hekk isir tentattiv ta' komunikazzjoni, bl-isperanza li l-konvenuta

[31] **Anna Tonna vs Alexander Tonna**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar is-6 ta' Novembru 1991.
[32] Fol. 32.

twieġeb lura sabiex b'hekk il-kuraturi deputati jiġu provduti bl-informazzjoni meħtieġa sabiex jiddefendu l-pozizzjoni tal-konvenuta stess. Madanakollu mill-atti jirrizulta li l-attur ma pprezenta l-ebda nota rigward l-informazzjoni li għandu disponibbli rigward il-konvenut, filwaqt li l-kuraturi deputati naqsu milli jipprovdu lil konvenuta l-assistenza legali kif jixraq f'tali ċirkostanzi u dan billi ħadd ma deher quddiem il-Qorti għas-seduti, la rregolaw rwieħhom fir-rigward tar-risposta ġuramentata, ma resqu l-ebda sottomissjonijiet u wisq anqas ma sar aċċenn sabiex jiġu provduti bid-dettalji tal-konvenuta sabiex isir l-imsemmi kuntatt. L-intiza li jiġu maħtura kuraturi deputati f'istanzi meta parti fil-kawza tkun assenti huwa proprju sabiex l-interessi tal-persuna assenti xorta waħda jkunu salvagwardjati. Pero' fil-kaz odjern huwa kristallizzat li dan ma seħħx. Għaldaqstant il-Qorti ser tgħaddi għal ġudizzju tagħha abbazi tal-provi mressqa mill-attur biss.

Wara konsiderazzjoni u evalwazzjoni tax-xhieda tal-attur u missieru, l-Qorti tevalwa li ġew allegati numru ta' kwistjonijiet li fl-ebda waqt ma ġew ikkorraborati mill-istess attur permezz ta' provi oġġettivi. Jibda sabiex jingħad u fir-rigward ta' pressjoni imposta mill-konvenuta fuq l-attur sabiex jizzewwġu, il-Qorti tevalwa li tali pressjoni ma ġietx minimament ippruvata. L-attur jikkontendi fl-affidavit tiegħu li *"niftakar li dak iz-zmien kienet bdiet tagħmel pressjoni fuqi sabiex nizzewwġu u dan peress li jien kien ġia kelli dar tiegħi"*,[33] u barra minn hekk l-attur jagħti l-impressjoni li l-konvenuta riedet tizzewġu għaliex kienet ser tiskadilha l-*visa* tagħha sabiex tibqa' Malta ġialadarba hi ta' nazzjonalita' Russa, tant li jallega fl-affidavit illi *"konna bdejna noħorġu flimkien u C kienet infurmatni li l-visa li kellha kienet se tiskadi dalwaqt"*.[34] Madanakollu fl-atti ma hemm l-ebda prova ta' dan, fejn lanqas missier l-attur ma jitkellem fuq l-allegata pressjoni għaz-zwieġ fl-affidavit tiegħu. Fil-fehma tal-Qorti, l-attur seta' tal-inqas jressaq rapprezentanti ta' Identity Malta sabiex jixhdu dwar ir-residenza tal-konvenuta ġewwa Malta, jew rapprezentanti tal-ambaxxata Russa ġewwa Malta sabiex jixhdu dwar il-validita' tal-*visa* maħruġa lil konvenuta f'dak il-perjodu. Għaldaqstant, l-Qorti ma tinsabx moralment konvinta illi l-fatti u l-provi prezentati jissodisfaw ir-rekwiziti elenkati f'Artikolu 19 subinċiz (1)(a).

Lanqas ma' l-Qorti temmen li t-talba għan-nullita' taz-zwieġ tal-partijet tista' tiġi akkolta abbazi tal-Artikolu 19(1)(b). F'dan ir-rigward, il-Qorti tevalwa li fil-provi

[33] Fol. 9.
[34] *Ibid.*

miġjuba quddiemha, ma hemm ebda aċċenn jew sempliċiment referenza għal xi possibilita' ta' zball fl-identita' tal-partijiet. Mill-affidavit tal-attur u kif ukoll mix-xhieda *viva voce* tiegħu, jiġi ddikjarat li l-partijiet iltaqgħu għal ħabta bejn l-2011 u l-2012, u konsegwentament isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-2016. Għaldaqstant jidher illi l-partijiet kienu jafu lil xulxin u damu f'relazzjoni flimkien għal ċirka ħames jew erba' snin. Il-Qorti ssibha improponibbli li f'dan l-istadju, l-attur jivvanta li fil-mument taz-zwieġ tagħhom kien jissusisti zball fl-identita'. Għalhekk, fin-nuqqas ta' l-iċken prova relattiva ma' din il-bazi għat-talba ta' annullament, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-kawzali l-oħra.

Fir-rigward tal-Artikolu 19(1)(ċ) u ċjoe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-oħra li tista' mix-xorti tagħha tfixkel serjament il-ħajja mizzewġa, il-Qorti tirrileva li mill-provi prodotti, lanqas ma jirrizulta ebda qerq minn xi waħda mill-partijiet. Il-Qorti qiegħda tiddeduċi illi l-qerq li għalih qiegħed jagħmel referenza l-attur huwa l-fatt li wara z-zwieġ *"C bdiet tixrob ħafna alkoħol u kienet tqatta' l-maġġior parti tal-ġurnata fis-sakra. (...) Niftakar li kienet toħroġ u ma tirritornax id-dar"*.[35] Madanakollu, l-Qorti tevalwa li matul ix-xhieda *viva voce* tiegħu stess nhar il-25 ta' Frar 2020, l-attur iddikjara fuq mistoqsija tal-Qorti illi qabel iz-zwieġ il-konvenuta ma kientx tixrob.[36] Għaldaqstant mid-dikjarazzjoni tal-attur stess jidher illi l-konvenuta allegatament bdiet il-vizju tax-xorb *wara z-zwieġ u mhux qabel*. B'hekk ai termini tal-liġi, il-Qorti ma tistgħax takkolji t-talba għall-annullament abbazi ta' qerq, in vista tal-fatt li ma ġiex ippruvat li l-konvenuta ħbiet *in mala fede* mill-attur il-vizzju tax-xorb sabiex takkwista l-kunsens tiegħu għaz-zwieġ.

F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen vs Av. Francesco Depasquale et noe**, fejn ġie ribadit illi "*Sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`: 1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat; 2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg; 3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament; 4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra; 5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottenut il-kunsens maritali; u 6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali*".

[35] Fol. 23.
[36] Fol. 41.

Fi kwalunkwe kaz, apparti li l-qerq in kwistjoni ma ġiex ippruvat, il-Qorti tirrileva ukoll li l-attur lanqas ma rnexxielu jipprova sal-grad rikjest mil-liġi illi l-konvenuta verament kellha l-vizzju tax-xorb, tqatta' ġranet sħaħ fis-sakra u toħroġ għal ħin eċċessiv. Għalkemm l-attur jagħmel referenza għal fatt li: (i) kien għamel kuntatt ma' Richmond Foundation sabiex jgħinu lil konvenuta, (ii) ġieli għamel rapporti mal-Pulizija sabiex isib lil konvenuta meta din ma kienetx tirritorna lura d-dar, u (iii) l-konvenuta kellha ħabiba li kienet lesta li tgħinha, ebda minnhom ma ġew mresqa quddiem il-Qorti.

Fir-rigward tal-kawżali tan-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju u s-simulazzjoni tal-kunsens abbazi tal-Artikolu 19(1)(d) u (f), il-Qorti tirrileva li hemm differenza fina bejn waħda u l-oħra li mhux dejjem tkun faċli li tiddeċifraha. Filwaqt illi tal-ewwel tfisser li wieħed mill-konjuġi, jew ossija t-tnejn, ma fehemx x'inhuwa mistenni minnu fir-rigward t'obbligi matrimonjali, fit-tieni, l-konjuġi, jew wieħed minnhom, minkejja li konxji tal-obbligi rispettivi tagħhom fiż-żwieġ, jagħżlu li jeliminaw xi wieħed mill-obbligi. Għalkemm il-liġi ma tiddefinixxiex x'inhuma l-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa eppure hu komunament paċifiku, illi l-iprem element fiż-żwieġ huwa d-dritt tal-miżżewġin għall-komunjoni tal-ħajja bejniethom (*'communio vitae'*).

Mill-assjem tal-provi l-Qorti tinsab konvinta li fil-kaz odjern ma ġiex ippruvat illi kien hemm nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju tal-kunsens u lanqas simulazzjoni tal-kunsens. Mix-xhieda tal-attur tal-25 ta' Frar 2020, jidher li l-partijiet kienu maturi bizzejjed u ben konsapevoli dwar l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li kellhom jerfgħu hekk kif jidħlu f'din l-unjoni ta' bejniethom. Il-Qorti tinsab moralment konvinta li kemm l-attur u kif ukoll il-konvenuta kienu jafu x'kien mistenni minnhom bħala koppja, filfatt mill-atti jirrizulta li: (i) l-partijiet riedu jmorru jgħixu flimkien taħt saqaf wieħed, (ii) ma tissemma' l-ebda problema ta' fiduċja u fedelta', (iii) l-intiza tal-partijiet kienet li jgħixu flimkien għal dejjem u b'hekk kien hemm l-iskop li z-zwieġ ta' bejniethom ikun wieħed indossulibbli, (iv) kienu jafu ukoll li kellu jkollhom rapport intimi flimkien bil-possibilita' li jkollhom it-tfal. Mill-atti ma jirrizultax li wieħed mill-partijiet, b'att pozittiv tal-volonta' tiegħu, eskluda l-obbligi essenzjali għall-ħajja konjugali. Għaldaqstant din il-Qorti lanqas ma tista' tilqa' it-talbiet kif dedotti abbazi tal-Artikolu 19(1)(d) u (f) tal-Att taz-Zwieġ.

Għalkemm l-attur ittenta jikkorrobora l-verzjoni tiegħu permezz tal-affidavit ta' missieru, din il-Qorti ma tħossx li f'kawza ta' annullament tali provi kienu bizzejjed. Huwa prinċipju assodat fil-ġiurisprudenza nostrana li *min jallga jrid jipprova* u ma huwiex permessibbli li wieħed jivvanta l-pretensjonijiet tiegħu mingħajr ma jressaq il-provi sal-grad rikjest mil-liġi sabiex jistabbillixxi li dak li qiegħed jallega huwa filfatt minnu.

**DEĊIDE:**

Illi għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi **tiċħad** l-ewwel talba tal-attur illi tiddikjara li z-zwieġ ċivili ta' bejn il-partijiet huwa null u bla effett fil-liġi abbazi tal-Artikolu 19(1)(a), (b), (ċ), (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta, u konsegwentament **tiċħad** it-tieni talba tal-attur rigward ir-reġistrazzjoni tal-istess mad-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku stante li ma għandha ssir l-ebda annottazjoni fl-Att taz-Zwieġ bin-numru progressiv 275 tas-sena 2013.

Bl-ispejjeż għandhom ikunu sapportati mill-attur.